**24 ta' Ġunju, 1954.**

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Rev. Padre Beningno Camilleri O.S.A. ne. versus Michele Farrugia

**Obligazzjoni Naturali — Ripetizzjoni ta' Indebitu — Kera jew Qbiela — Awment kontra l-Liġi — Kompensazzjoni — Art. 1190 § 2 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-ġurisprudenza l-aktar prevalenti, meta jsir ħlas għal kawża ġuridikament invalida, iżda jsir bla żball, ir-restituzzjoni mhix legalment ammessa għax il-ħlas ikun sar bħala adempiment ta' obligazzjoni naturali. U għalhekk, meta wieħed iħallas kera awmentat mingħajr il-formalitajiet preskritti mill-liġi, ladarba hu ma jkunx bi żball, ma jistax jinvoka r-rimedju ta' l-indebitu. U konsegwentement ma jistax jitlob lura l-għoli minnu hekk imħallas.*

*Għall-istess raġuni ma jkunx jista' jikkompensa dak l-awment mal-kera minnu dovut.*

*Imma ma jistax jingħad l-istess għall-kera illegalment awmentat li jkun għadu ma tħallasx. F'dan il-każ il-kerrej jista' jinvoka n-nullità ta' l-awment u jinsisti li jħallas il-kera mingħajr dak l-awment.*

*Dawn il-prinċipji ġew applikati fil-każ preżenti, fejn l-awment illegali kien jirrigwarda qbiela, u mhux kera.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine £22 għall-qbiela ta' Santa Marija 1952 u 1953 għall-artijiet u razzett "Tal-Biskeju", Ħal Safi. Bl-interessi legali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 1953, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha issottometta li huwa ma għandux jagħti s-somma mitluba, anzi jinsab kreditur ta' l-attur; u dan għaliex, kif hu spjega fid-dikjarazzjoni, l-attur kien awmenta l-qbiela fis-27 ta' Awissu 1945 mingħajr ma uża l-mezz legali preskritt fl-art. 3 tar-Regolamenti tat-Trażżin tal-Qbiela (G.N. 242/1943), u meta

jsiru l-kontijiet jirriżulta li bl-ammont rifondibili l-konvenut għandu jieħu minn għand l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur, fin-nota tiegħu fol.7 jammetti li l-qbiela ġiet miżjuda mhux skond il-liġi, iżda jsostni li l-ammont imħallas mhux rifondibili, u li l-qbiela għandha kompli titħallas sakemm il-konvenut ma jkollux deċiżjoni mill-Board kompetenti;

Illi, skond il-ġurisprudenza l-lum prevalenti, meta jsir ħlas għal kawża ġuridikament invalida, iżda jsir mingħajr żball, ir-restituzzjoni mhix legalment ammessa; għaliex il-ħlas ikun sar bħala adempiment ta' obligazzjoni naturali (art. 1190 § 2 Kodiċi Ċivili). (Għalhekk, meta wieħed iħallas il-kera awmenta mingħajr il-formalitajiet preskritti mill-liġi, ladarba ma jkunx ħa żball, huwa ma jistax jinvoka r-rimedju ta' l-indebitu, u konsegwentement ma jistgħax jitlob lura l-għoli hekk minnu mħallas (Kollez. XXXI-I-39, u XXXIV-II-498). (Għall-istess raġuni ma jkunx lanqas jista' jikkompensa dak l-awment mal-kera minnu dovut.

Illi, però, divers hu każ ta' kera illegalment awmentat li jkun għadu ma tħallasx; għaliex allura ma jkunx aktar applikabili l-art. 1190 fuq ċitat, u l-kerrej, imħarrek għall-ħlas tal-kera, jista' jinvoka n-nullità ta' l-awment u jinsisti li jħallas il-kera mingħajr dak l-awment (ara l-ġurisprudenza fuq ċitata);

Illi, fil-każ taħt eżami, il-kontendenti jaqblu li l-qbiela mis-27 ta' Awissu 1945 tħallset bl-awment, u li dana l-awment ma sarx skond il-liġi. Il-konvenut ma jallegax li hu ħa żball u li ma kienx jaf li ħallas qbiela iżjed; jgħid biss li, ladarba l-awment ma kienx skond il-liġi, għandu jieħdu lura jew jikkompensah mal-qbiela mitluba l-lum mill-attur. Din ir-rifużjoni, skond il-prinċipji fuq enunċjati mhix ammissibili, u għalhekk lanqas tista' tkun ammessa l-kompensazzjoni;

Illi però, kwantu għall-qbiela li l-lum qiegħed jirreklama l-attur, l-awment mhux ammissibili; għaliex "ex admissis" ma ġietx osservata l-formalità ta' l-ittra uffiċjali mposta mill-

art. 3 fuq ċitat, u għalhekk dak l-awment hu legalment ineżistenti, u l-konvenut hu awtorizzat jipprevali ruħu minn nullità komminata mill-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-awment tal-qbiela li għadha mhix imħallsa, bl-ispejjeż kontra l-attur;

U konsegwentement tiddeċidi billi tilqa' d-domanda ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £16; l-ispejjeż jitħallsu skond r-rebħ u t-telf.